A.L. 31 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1994 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta'
***Sacrae Theologiae Doctor* — S.Th.D.**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 35 ta' dak l-Att.

REGOLAMENTI TA' L-1994 GĦALL-KORS LI JWASSAL GĦALL-GRAD TA'
***SACRAE THEOLOGIAE DOCTOR* — S.Th.D.**

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Kors li jwassal għall-grad ta' duttur tas-Sagra Teoloġija *(Sacrae Theologiae Doctor* — S.Th.D.)

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Sacrae Theologiae Doctor* — S.Th.D.;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Sacrae Theologiae Doctor* —S.Th.D.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1991 jew wara.

Eliġibilità għall-Grad

3. Biex kandidat ikun jista' jieħu l-Grad irid:

(a) jirreġistra bħala student tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università;

(b) ikun tal-grad ta' liċenzjat fis-Sagra Teoloġija tal-Università jew grad jew kwalifika oħra li s-Senat jikkunsidra bħala ekwivalenti għalih;

(ċ) jissottometti teżi fejn juri li huwa kapaċi jagħmel riċerka xjentifika u li fiha joffri kontribut oriġinali għax-xjenzi teoloġiċi;

(d) jiddefendi t-teżi oralment fil-pubbliku;

(e) jippubblika t-teżi kollha jew parti minnha; u

(f) jissodisfa kull ma jitolbu dawn ir-regolamenti u l-ordinamenti relattivi.

Tul tal-Kors

4. It-tul tal-kors ikun dak preskritt mil-paragrafu (2) tar-regolament 5 jew taħtu, biż-żieda ta' żmien raġonevoli mogħti mil-Bord tal-Fakultà għar-revizzjoni, jekk ikun il-każ, tat-teżi, u għad-difiza orali u pubblikazzjoni tagħha.

Teżi

5. (1) Is-suġġett tat-teżi msemmija fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 3 għandu jiġi sottomess mill-kandidat għall-approvazzjoni mill-Bord tal-Fakultà fi żmien tlitt xhur mir-reġistrazzjoni. Kull bdil tas-suġġett wara li jiġi aċċettat mill-Bord tal-Fakultà jeħtieġ l-approvazzjoni ta' dak il-Bord.

(2) It-teżi trid tiġi ppreżentata fi żmien ta' mhux inqas minn sentejn u mhux aktar minn erba' snin minn meta s-suġġett tagħha jkun ġie approvat mill-Bord tal-Fakultà. Dan iż-żmien jista', f'ċirkostanzi speċjali, jiġi mqassar jew imtawwal mis-Senat, jekk, wara ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà, is-Senat jikkonsidra dan ġustifikat.

(3) Wara l-approvazzjoni tas-suġġett tat-teżi, il-Bord tal-Fakultà għandu jaħtar:

(a) superviżur, li normalment ikun wieħed mill-għalliema permanenti fil-Fakultà biex imexxi u jieħu ħsieb ix-xogħol ta' l-istudent; u

(b) Bord ta' Eżaminaturi magħmul mis-superviżur u żewġ membri oħra mill-għalliema fil-Fakultà:

(4) It-teżi ma tiġix ikkunsidrata jekk kienet ġa sottomessa jew ikun maħsub li tiġi sottomessa fl-istess żmien għal grad ieħor jew kwalifika oħra postgradwali. F'każ li parti mit-teżi tkun ġa ġiet sottomessa għal grad ieħor jew kwalifika oħra postgradwali jew ġiet ippubblikata indipendentement, trid issir dikjarazzjoni bil-miktub f'dan is-sens mill-kandidat meta jippreżenta t-teżi.

(5) Il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jissottometti, fiż-żmien determinat mill-Bord tal-Fakultà, rapport lilu fuq il-valur tat-teżi u fuq jekk tissodisfax dak li jitlob il-paragrafu (ċ) tar-regolament 3.

(6) Jekk it-teżi titqies li mhix tajba, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirrikmanda lill-Bord tal-Fakultà biex il-kandidat jagħmel iktar riċerka fis-suġġett tat-teżi, u wara jitħalla jippreżentaha mill-ġdid f'forma riveduta f'tul ta' żmien stabilit mill-Bord tal-Fakultà. Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jissottometti lill-Bord tal-Fakultà rapport fuq it-teżi fil-forma riveduta tagħha.

(7) Il-Bord tal-Fakultà, f'dawk il-każijiet imsemmija fil-paragrafi (5) u (6) ta' dan ir-regolament, għandu, meta jirċievi r-rapporti relattivi tal-Bord tal-Eżaminaturi, jiddeċiedi jekk jaċċettax jew jirrifjutax it-teżi jew jekk il-kandidat jeħtiġlux jagħmel aktar riċerka skond il-paragrafu (6).

(8) Meta t-teżi tiġi aċċettata mill-Bord tal-Fakultà, il-kandidat jibqa' sejjer bir-rekwiżit tal-paragrafu (4) tar-regolament 3.

(9) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jagħti rapport bil-miktub lill-Bord tal-Fakultà dwar ir-riżultat tad-difiża orali.

Gradazzjoni, Pubblikazzjoni tar-Riżultati u Reġistrazzjoni mill-Ġdid

6. (1) Il-Bord tal-Fakultà, wara li jirċievi r-rapport imsemmi fil-paragrafu (9) tar-regolament 5, jagħti l-gradazzjoni finali lill-kandidati li jkunu għaddew jew bil-grad "Għadda b'Distinzjoni" jew bil-grad "Għadda".

(2) Lista ta' l-ismijiet tal-kandidati li t-teżi tagħhom tkun ġiet aċċettata u li jkunu għamlu b'suċċess id-difiża orali tagħha għandha tiġi ppublikata fl-Università b'ordni alfabetiku u turi l-gradazzjoni miksuba minn dawn il-kandidati.

(3) Il-kandidati li l-ismijiet tagħhom ma jidhrux f'din il-lista jkunu meqjusa li weħlu, iżda jistgħu f'kull żmien jerġgħu jirreġistraw għall-Kors.